Kumitat Amministrattiv SWATAR
Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida
Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

# MINUTI
# Kumitat Amministrattiv SWATAR

## Laqgħa Numru 29
## Il-Hamis 23 ta' Marzu.

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-6.00p.m.

### PREŻENTI:

Matthew Mangion
Emanuel Galea
Owen Patrick Attard
Jimmy Zahra
Deborah Galea

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Ic-Chair Person Matthew Mangion ippresieda l-laqgħa.

## 29.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

29.1.01 Kulhadd attenda ghas seduta.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.2.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ppreżenta il-minuti ta' Seduta Nru 28 u ttieħdu bħala moqrija.

29.2.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella ta' tgħarraf dwar żviluppi mil-punti mqajma fil-laqgħa 28 u wieġeb għal xi mistoqsijiet tal-membri..

## 29.3 Komunikazzjoni mic-Chair Person;

29.3.01 Ic-Chair Person Matthew Mangion ma kellu l-ebda kommunikazzjoni

## 29.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-membri;

29.4.01 Is-Sur  Owen Patrick Attard staqsa dwar is-Swatar : Saret diskussjoni qasira fuq dan is-suggett.  Gie deciz li din ghandha ssir flimkien mal-ftuh mill-gdid tal-bandli tas-Swatar meta dan ix-xoghol ikun lest ghall-habta ta' Settembru jew Ottubru.

29.4.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf dwar Transport Management : Ghadu ma kien hemm l-ebda zviluppi godda dwar Transport Management u ghadna qed nipprovaw nghaqdu lil dawk kollha kkoncernati biex issir laqgha bejn il-periti taz-zewg kunsilli u ufficcjal mit-Transport Malta biex jigi diskuss x'jista isir.

29.4.03 il-Vici Chairperson Deborah Galea Dwar ghalqa abbandunata li giet uzata biex jintrama krejn ghal kostruzzjoni, ghalkemm saru rapporti lill-PA dwar enforcement, ghadu ma sar xejn.  Il-Boundary Wall ghadu miftuh u qed ikun ta' periklu ghal min ikun ghaddej.  Fejn sahansitra intlemhu xi grieden ghaddejjin.  Ghandu jsir follow up ma' Birkirkara biex jikontatjaw lis-Sanita' forsi jitfghu xi valenu.

29.4.04 Ic-Chair Person Matthew Mangion staqsa dwar il-Bandli ta' Swatar : Is-Segretarju gharraf lil membri prezenti li x-xoghol ta' tisbih tal-bandli beda' u ghandu jkun lest fi zmien li gej.

## 29.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv li jkunu meħtieġa;

29.5.01 Is-Sur Jimmy Zahra talab biex forsi ssir Un/loading Bay fejn Arkadia Supermarket. Is-Segretarju gibed l- attenzjoni li ghada qatt ma saret talba mis-sidien ta' Arkadia biex dan isir.

29.5.02 Is-Sur Jimmy Zahra semma' ukoll il-bozza fid-dahla tas-Swatar, fejn il-Bring in Sites, fejn is-Segretarju gharrfu li l-applikazzjoni saret u daqt tehel.

## 29.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

29.6.01 Il-Laqgha intemmet fis-7 ta' filghaxija u giet aggornata ghat-18 ta' April, 2017, fil-5:30pm.

Minuti konfermati, illum 23 ta' Marzu 2017

IFFIRMATA

| | |
|---|---|
| Matthew Mangion | Alan Vella |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |